MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 193/2022 LM

**K Shipping Agency Limited (C 19237)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Daha Oils and Gas Limited (C 72172)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Daha Oils and Gas Limited (C 72172)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'] tad-29 ta' Jannar, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li ddeċidiet it-talba tas-

soċjetà rikorrenti **K Shipping Agency Limited (C1 9237)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] kif ġej:

> *"Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Daha Oils and Gas Limited tħallasha s-somma ta' tnax-il elf, tlett mija u disgħa u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€12,379.20), bl-imgħax dekorribbli mid-09 ta' April 2019 sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-preżenti huma a karigu esklussiv tas-soċjetà intimata."*

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw servizzi li ġew reżi mis-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanta fir-rigward tal-vapur bl-isem M/T Jaguar fis-sena 2018, liema servizzi b'valur ta' €12,379.20, hija ma tħallsitx tagħhom.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata għalhekk ħarrket lis-soċjetà appellanta sabiex:

> *"...tgħid 'il għaliex ma għandekx tkun ikkundannat li tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' tnax-il elf, tlett mija u disgħa u sebgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€12,379.20), kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' meta l-ammont kien dovut sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż legali rappreżentanti servizzi lilek reżi matul is-sena elfejn u tmintax (2018) in konnessjoni mal-vapur bl-isem ta' M/T Jaguar.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata, li minn issa hija inġunta in subizzjoni."*

4. Is-soċjetà appellanta ma ppreżentat l-ebda tweġiba, u naqset li debitament tidher.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata billi kkunsidrat is-segwenti:

*"Illi jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Kevin Attard illi s-soċjetà rikorrenti kienet l-aġenzija intermedjarja ta' żewġ vapuri, Bony B u Jaguar, li kienu tas-soċjetà intimata, sakemm dawn jinbiegħu. Huma kienu jieħdu struzzjonijiet minn ċertu Paul Cutajar dwar x'kellhom bżonn dawn il-bastimenti. Bħala aġenzija intermedjarja s-soċjetà rikorrenti kellha tieħu ħsieb diversi affarijiet fosthom fuel, ikel,* bunkering, spare parts*, mediċini, u dak kollu li jkollu bżonn. Ġara li dawn il-bastimenti kienu ser jinbiegħu għal diversi drabi iżda minħabba l-kondizzjoni tagħhom u anke minħabba li kellhom xi dokumenti skaduti, ġie deċiż li l-bastimenti jiġu skrapjati.*

*Spjega li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża jirrappreżenta fattura li ma ġietx imħallsa għaliex iċ-*cheque *offert għall-pagament kellu diskrepanzi bejn il-kliem u l-figuri. L-imsemmi Paul Cutajar kien qalilhom li se jtihom* cheque *ieħor iżda baqa' qatt ma ppreżentalhom* cheque *ġdid.*

*Illi mill-fattura ppreżentata in atti jirriżulta ill din hija datata 9 ta' April 2019 u maħruġa għall-ammont ta' €12,379.20. Illi ġiet ippreżentata wkoll kopja ta'* cheque *maħruġ fuq il-Bank HSBC, bin-numru 1744 u datat l-10 ta' April 2019 li minnu jirriżulta ampju li hemm diskrepanza netta bejn il-kliem u bejn il-figuri hemm indikati.*

*Illi b'hekk, is-somma mitluba mis-soċjetà rikorrenti ġiet sufficjentement ipprovata;*

*Ikkonsidrat;*

*Illi fir-rigward tal-imgħax, is-soċjetà rikorrenti titlob li dan għandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bit-talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti qed tibbaża fuq id-dispost tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li* 'jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita"

*Illi sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk l-imgħax għandux jiddekorri skont l-Artikolu 1141(1) jew skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk it-transazzjoni odjerna hijiex waħda ta' natura kummerċjali jew ta' natura purament ċivili.*

*L-Artikolu 5(e) tal-kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma soċjetajiet kummerċjali għandha titqies li hija att ta' kummerċ. Fil-każ preżenti, il-kontendenti huma soċjetajiet kummerċjali u b'hekk, il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi mill-fattura ppreżentata mis-soċjetà rikorrenti jirriżulta illi dan il-bilanċ ilu dovut sa mid-09 ta' April 2019 u dan peress li minkejja inħareġ cheque datat l-10 ta' April 2019, dan iċ-*cheque *ma setax jissarraf għar-raġunijiet hawn fuq diġà esposti."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-16 ta' Frar, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tilqa' l-aggravji tal-appellanti, tiddikjara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' Jannar 2024 bħala waħda nulla u invalida, u konsegwentement tordna li l-atti jerġgħu jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex l-att promotur u l-avviż tas-smigħ jiġu notifikati lill-esponenti u l-kawża tinstema' mill-ġdid skont il-ligi."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li n-notifika tal-kawża ma kinitx tiswa.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fil-21 ta' Marzu, 2024, fejn sostniet li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellanta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti.

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li s-sentenza appellata hija nulla, għaliex n-notifika tal-kawża kif saret ma tiswiex. Tgħid li dik li tidher bħala n-notifika tagħha saret b'*mala fede* u b'ħsieb li t-tmexxija tagħha ma tkunx taf biha. Tispjega li l-indirizz tagħha kien ġie ndikat bħala 5/2A, Merchants Street, Valletta, u r-riferta tal-14 ta' Ottubru, 2022, kienet waħda negattiva għar-raġuni ndikata ta' *'No Such Company'.* Hija ċitat dak li qalet l-Ewwel Qorti waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2022, fejn awtorizzat li ssir in-notifika permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni *ai termini* tas-subartikolu 187(3) tal-Kap. 12, u rrilevat li fit-3 ta' Marzu, 2023, tħallset notifika bil-purtier u wara l-ħin legali fl-istess indirizz. Tgħid li r-riferta kienet ukoll negattiva fejn '*ma fetaħ ħadd',* u fl-10 ta' Marzu, 2023 tħallset notifika oħra għal darb'oħra fl-istess indirizz, u din reġgħet kienet negattiva għall-istess raġuni. Tispjega li fil-11 ta' Mejju, 2023, tħallset notifika bl-affissjoni skont id-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2022, u l-avviż twaħħal fl-indirizz suriferit, kif ukoll fl-Għassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali. Is-soċjetà appellanta tirrileva li waqt l-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2023, l-Ewwel Qorti *'rat illi l-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni hija kompleta u tiddikjara illi s-Soċjetà intimata ġiet notifikata fit-2 ta' Ġunju 2023 u minkejja dan, is-soċjetà intimata ma daħlitx risposta u lanqas ma dehret għas-seduta tal-lum.'* Tgħid li dan kollu ġara waqt li l-partijiet kellhom bejniethom pendenti proċeduri oħra sa mill-20 ta' Mejju, 2020 fl-ismijiet **K Shipping Agency Ltd *vs.* Daha Oils & Gas Ltd et** (Rik. Ġur. Numru 318/2020AF), fejn is-soċjetà appellata kienet ittentat tinnotifikaha fl-indirizz tal-Belt Valletta iżda l-Marixxall kien sab lil ċertu Roberta Borg Busuttil, li qaltlu li din m'għadhiex klijenta tagħhom. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li s-soċjetà appellata kienet taf fejn kien jinsab id-direttur tagħha, u għalhekk f'dawk il-proċeduri n-notifika

saret lilu fl-indirizz tiegħu ġewwa Ħal Safi, fejn ir-riferta rriżultat pożittiva. Tkompli tgħid li b'hekk is-soċjetà appellanta kienet taf sa mill-2020 li fl-indirizz tal-Belt Valletta ma kien hemm ebda diretturi, uffiċjali jew rappreżentanti tagħha li setgħu ġew notifikati skont il-liġi bl-atti ġudizzjarji, u kienet taf fejn dawn jinsabu. Issostni li għalhekk in-notifika saret *in mala fede.* Tgħid li barra minn hekk in-notifika tal-att promotur u tal-avviż tas-smigħ ma kienux jiswew, għaliex l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għas-subartikolu 187(1) tal-Kap. 12 meta n-notifika kellha ssir skont is-subartikolu 187(4) ta' dik il-liġi. Jekk imbagħad in-notifika ma tirnexxiex skont l-imsemmija dispożizzjonijiet, is-soċjetà appellanta tgħid li l-Qorti tkun tista' tordna li din issir skont is-subartikolu 187(5) tal-Kap. 12, u mhux skont is-subartikolu 187(3), kif erronejament indikat l-Ewwel Qorti. Tissottometti li l-affissjoni taħt is-subartikolu 187(5) tista' ssir jekk (i) ma tkunx saret in-notifika skont is-subartikolu 187(4); u (ii) lill-Qorti jirriżultalha li xi ħadd mir-rappreżentanti jkun jinsab hawn Malta. Tgħid li fil-każ odjern ma kienx jirriżulta li s-soċjetà appellata kienet żvelat lill-Ewwel Qorti li xi uffiċjal tal-korp ġuridiku appellanti kien jinsab Malta, għaliex b'hekk kien jinkixef il-*mala fede* tagħha. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti saħansitra lanqas talbet li ssir dikjarazzjoni *ai termini* tas-subartikolu 187(5) tal-Kap. 12, u għalhekk ma setgħetx tifhem kif iddeċidiet li setgħet issir il-proċedura tal-affissjoni.

10. Is-soċjetà appellata ssostni li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u n-notifika saret korrettement skont l-artikolu 187 tal-Kap. 12. Tirrileva li kif jirriżulta mill-Malta Business Registry, l-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà appellanta kien fl-indirizz 5/2A Merchants Street, Valletta, Malta, u tagħmel riferiment għal Dok. A anness mat-

tweġiba tagħha. Tgħid li dan kien jidher hekk sallum fejn ma ġew reġistrati l-ebda tibdil jew riżenji kif insinwat. Tissottometti li għalkemm l-Ewwel Qorti ma ċċitatx espressament is-subartikoli 187(4) jew (5) tal-Kap. 12, in-notifika xorta waħda saret skont id-dispożizzjonijiet tagħhom. Filwaqt li s-soċjetà appellata tfisser dawn id-dispożizzjonijiet, tissottometti li l-proċedura kontemplata hija dik li ġiet applikata u ordnata mill-Ewwel Qorti. Hija tikkontendi li l-proċedura taħt l-artikolu 187 tagħti diskrezzjoni permezz tal-kliem 'jew' u 'tista''. Tirrileva li l-*mala fede* u qerq huma tas-soċjetà appellanta li naqset milli tindika li fil-proċeduri l-oħra bejn il-partijiet, kien ġie wkoll imħarrek wieħed mid-diretturi fil-vesti tiegħu personali, u li l-indirizz tagħha hemmhekk hija stess indikatu bħala dak li kien u għadu jidher bħala l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tagħha.

11. Il-Qorti tgħid li għalkemm l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta fil-verbal tagħha tal-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2022, għamlet riferiment għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 187(1) tal-Kap. 12 u tas-subartikolu 187(3) tal-istess liġi, in-notifika essenzjalment segwiet dak li jirrikjedu s-subartikoli 187(4) u (5) tal-Kap. 12, li huma applikabbli fir-rigward tan-notifika ta' korp b'personalità ġuridika distinta. Tirrileva li s-subartikolu 187(4) tal-Kap. 12 jipprovdi għażla dwar kif għandha ssir in-notifika:

> "(a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew
>
> (b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)".

12. Fil-każ odjern jirriżulta li s-soċjetà appellata għażlet li ssegwi d-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu msemmi, u peress li ma kienx

hemm indikazzjoni li l-persuni ndikati taħt is-subartikolu 181A(2) tal-Kap. 12 kienu kollha ma jinsabux hawn Malta, il-proċedura li kellha tiġi segwita kienet korrettement dik ikkontemplata fis-subartikolu 187(5) tal-Kap. 12, fejn kif tajjeb tirrileva s-soċjetà appellata, il-Qorti għandha diskrezzjoni jekk għandhiex *"...tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex tgħarraf b'dik l-iskrittura lil xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2)".* Jekk imbagħad il-Qorti ma tordnax li għandhom jittieħdu miżuri ulterjuri, in-notifika tibqa' dejjem waħda valida.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**